5 ta' Diċembru, 1952

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Debono

*versus*

Chevalier Antonio Caesar Torreggiani, O.B.E., et.

**Ċitazzjoni — Dikjarazzjoni — Sentenza.**

*Il-Qorti għandha toqgħod għat-termini tad-domanda jew domandi; u s-sentenza għandha tkun konformi għad-domanda.*

*Id-domanda għandha titqies in relazzjoni għall-fatti kif kienu meta ġiet proposta l-istess domanda.*

*L-eżami tal-fondatezza jew le tad-domanda "ex tunc" ma jistax jiġi magħmul jiddependi fuq kambjamenti ta' fatt susseġwenti għad-domanda; aktar u aktar jekk dawn il-kambjamenti jsiru fil-mori tal-ġudizzju mill-konvenut interessat.*

*Għaldaqstant, jekk l-attur jitlob mill-Qorti dikjarazzjoni ta' l-eżistenza ta' dritt tiegħu, u din id-dikjarazzjoni tirriżulta ġustifikata meta l-punt in kwistjoni jiġi meqjus in relazzjoni għall-istat ta' fatti eżistenti fiż-żmien taċ-ċitazzjoni, dik id-dikjarazzjoni hemm lok li tiġi mogħtija mill-Qorti, avvolja l-istat tal-fatti jkun tbiddel mill-istess konvenut. Dak it-tibdil jista' jġib konsegwenzi oħra,*

*imma mhux dik illi l-Qorti għandha tiċħad id-dikjarazzjoni mitluba.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li talab li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, u wara li ppremetta illi, b'kuntratt publikat min-Nutar Alberto Sigismondo Dandria fit-12 ta' Diċembru 1941 (dok. A), modifikat b'kuntratt ieħor fl-istess atti tas-16 ta' Settembru 1944 (dok. B), huwa kien ħa in lokazzjoni minn għand l-awturi tal-konvenut Cassar Torreggiani l-istabili konsistenti f'dar u ħanut Strada Teżorerija, il-lum Old Treasury Street, numri 2 u 3, Valletta, allura mġarrfin bil-gwerra, bil-kondizzjoni, fost oħrajn, li jagħmel a spejjeż tiegħu r-riparazzjonijiet kollha meħtieġa, bid-dritt li jieħu huwa dawn l-ispejjeż meta l-imsemmija Kummissjoni jew kwalunkwe awtorità oħra tħallashom; u illi, wara li ottjena l-permessi meħtieġa għar-rikostruzzjoni ta' l-imsemmija fondi, sab oppożizzjoni mill-Kummissjoni konvenuta, fuq il-pretest li l-attur ma kellux il-fakoltà li jippreżenta l-iskeda tax-xogħlijiet meħtieġa u jiffirma dokumenti skond ma jkun mitlub mill-Kummissjoni (dok. C); li dina ma kellhiex awtorizzazzjoni mis-sid biex tħallas l-indennizz lill-attur (dok. D, E); u illi fil-fatt il-"claim" għamilha l-attur, u dejjem kien hu rikonoxxut mill-Kummissjoni, li, f'ċertu żmien, kienet saħansitra tagħtu l-permessi għar-rikostruzzjoni; u illi l-attur fittex, mingħajr preġudizzju tad-drittijiet tiegħu, biex iġiegħel lill-konvenut Cassar Torreggiani jagħti l-awtorizzazzjoni meħtieġa, u dana lanqas ma taha, non ostanti l-protest tat-12 ta' Awissu 1950; u illi l-Kummissjoni baqgħet sa l-aħħar tinsisti li l-attur ma kellux il-poteri meħtieġa biex jagħmel dik ir-rikostruzzjoni u jitħallas ta' l-indennizz; talab illi jiġi dikjarat u deċiż li l-attur għandu, bis-saħħa tal-kuntratti fuq riferiti, il-poter li jagħmel dak kollu li hemm bżonn, anki fil-konfront tal-Kummissjoni konvenuta, biex jirrikostruwixxi l-fondi fuq deskritti u jirċievi l-indennizz tal-gwerra relativ; u subordinatament, u f'każ ta' eżitu negativ ta' l-ewwel domanda, illi l-konvenut Cassar Torreggiani jiġi kundannat jipprokura lill-attur, fi żmien qasir u perentorju, l-awtorizzazzjoni rikjesta mill-Kummissjoni konvenuta. B'riżerva ta' drittijiet oħra, kompriża l-azzjoni tad-dan-

ni, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protesti tat-28 ta' Mejju u 12 ta' Awissu 1950, kontra l-konvenuti jew min minnhom;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fid-29 ta' April 1952, li biha ċaħdet l-istanza, bl-ispejjeż kontra l-attur, b'riżerva ta' kull azzjoni oħra; billi kkunsidrat;

Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Alberto Sigismondo Dandria tat-12 ta' Diċembru 1941, modifikat b'kuntratt ieħor fl-istess atti tas-16 ta' Settembru 1944, l-attur ħa b'kera minn għand Teresa Farrugia Bugeja, Maria Domenica Farrugia Bugeja, Maria armla Farrugia Bugeja, u Giuseppina Cassar, fil-kwalità tagħhom indikata f'dawk il-kuntratti, il-fondi msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni, li allura kienu mġarrfin bil-gwerra, bil-kondizzjonijiet indikati fl-aħħar kuntratt, fosthom dik li huwa jobbliga ruħu li jagħmel a spejjeż tiegħu r-riparazzjonijiet kollha meħtieġa f'dawk il-fondi, bid-dritt li huwa jieħu dawk l-ispejjeż meta l-War Damage Commission jew kwalunkwe awtorità oħra tħallas l-istess. Għad li ma ġewx eżibiti l-atti relativi, ma hemmx kontestazzjoni li in segwitu għal dak l-att il-proprjetà ta' dawk il-fondi għaddiet għand il-konvenut Cassar Torreggiani, li kellu jirrispetta l-lokazzjoni magħmula mill-awturi tiegħu bil-kondizzjonijiet ġà msemmijin;

B'eżekuzzjoni ta' l-obligu li assuma, l-attur ottjena l-permessi neċessarji għar-rikostruzzjoni tal-fondi mill-awtoritajiet kompetenti, iżda ġie sospiż li jagħmel x-xogħlijiet minħabba li l-istess fondi kienu allura jaqgħu fil-"White Area". In segwitu, dawk il-fondi ġew dikjarati eżenti minn dik l-"area", u l-attur ippreżenta f'ismu lill-War Damage Commission l-iskeda biex jagħmel ix-xogħlijiet f'dawk il-fondi; imma dik il-Kummissjoni opponiet ruħha, billi rriteniet li l-attur ma kellux fakoltà minn għand il-konvenut Cassar Torreggiani li jippreżenta dik l-iskeda jew li jiffirma dokumenti skond ma jkun mitlub minn dik il-Kummissjoni, kif ukoll li l-istess Kummissjoni ma kellhiex awtorizzazzjoni mill-konvenut Cassar Torreggiani biex tħallas l-indennizz lill-attur. Allura dan interpella lill-konvenut Cassar Torreggiani biex jagħtih l-awtorizzazzjoni rikjesta mill-konvenut Mallia, imma l-konvenut Cassar Torreggiani rrifjuta li jagħti dik l-awtorizzazzjoni għar-raġunijiet li jinsabu ndikati fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu;

Illi ġie pruvat li l-fondi fuq imsemmija jiffurmaw parti minn blokk ta' bini, sittax-il stabili, li jappartjenu lil diversi proprjetarji, u li kienu jinsabu kollha mġarrfin bil-gwerra. Dawn il-fondi ġew kollha esproprjati mill-Gvern skond Notifikazzjoni numru 650 fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-24 ta' Settembru 1949, li ried li jiġu kollha mibnija skond pjanta mposta minnu. Però, il-proprjetarji ta' dawk il-fondi kollha ltaqgħu, iffurmaw soċjetà, u talbu li jibnu huma stess dak il-blokk ta' bini fuq il-pjanta tal-Gvern jew fuq pjanta magħmula minnhom li tiġi approvata mill-Gvern. Il-Gvern laqa' t-talba u rrilaxxja l-fondi, imma eżiġa, fost ħwejjeġ oħra, li dawk il-proprjetarji jirrikostruwixxu l-blokk kollu "as a whole and not peacemeal", u fuq pjanta sottomessa minnhom u li ġiet approvata mill-Gvern minflok dik imposta minnu;

Illi fit-termini tal-kuntratti li ġà ssemmew, l-attur kellu l-obligu li jagħmel dawk ir-riparazzjonijiet fil-fondi ndikati fl-att taċ-ċitazzjoni, u mhux id-dritt; u għalhekk ebda preġudizzju ma ġie sofra l-attur billi, għal xi raġuni, huwa ma setax jottempera ruħu għal dak l-obligu, meta l-istess konvenut Cassar Torreggiani m'huwiex qiegħed jeżiġi l-eżekuzzjoni ta' dak l-obligu. U anki kieku dan l-obligu kien min-naħa tal-konvenut Cassar Torreggiani, jiġifieri li jħalli lill-attur jikkostruwixxi l-fondi, huwa, l-istess konvenut, m'huwiex tenut għalih. Infatti, il-fondi fuq imsemmija ma jistgħux, minħabba każ fortuwitu, jiġu rikostruwiti kif kienu qabel il-gwerra, jiġifieri kif l-attur assuma li kellu jirrikostruwihom, la darba meta sar il-kuntratt ma kienx prevedibili l-event fortuwitu ta' l-esproprjazzjoni tal-fondi mill-Gvern (Vol. XXXI—I—467); b'mod li minħabba l-istess event fortuwitu l-konvenut Cassar Torreggiani seta', anki kieku kellu dak l-obligu, jinħall minnu (ara 1177 Kodiċi Ċivili; XXXI—I—554). Għalhekk il-konvenut Cassar Torreggiani mhuwiex tenut, u lanqas jekk irid ma jista', jagħti l-awtorizzazzjoni m'tluba mill-attur, minħabba l-każ fortuwitu li ġara; huwa ma jistax jissejjaħ proprjetarju uniku tal-fondi fuq imsemmijin, u l-istess fondi ma jistgħux jiġu rikostruwiti bħal ma kienu qabel il-gwerra, u kif l-attur kien obligа ruħu li kellu jirrikostruwihom;

Barra minn dan, il-konvenut Cassar Torreggiani ma jis-

ta' xogħol ta' rikostruzzjoni li dan ma għamelx. L-attur jista' talvolta jkollu xi drittijiet għal danni, jew għal xi spejjeż li hu laħaq għamel, u li kienu inerenti għar-rikostruzzjoni tal-fondi anterjorment għall-esproprjazzjoni tagħhom mill-Gvern;

Illi bir-raġun il-konvenut Mallia jeżiġi minn għand l-attur li l-konvenut Cassar Torreggiani jagħtih awtorizzazzjoni għall-ħlas mill-War Damage Commission. Infatti, skond il-kuntratt tat-12 ta' Diċembru 1941, u tas-16 ta' Settembru 1944, l-attur ma kellux jitħallas direttament mill-War Damage Commission, imma fl-ewwel kuntratt ingħad li kellu jitħallas mill-lokatriċi, meta u kif din tiġi indennizzata mill-Gvern; u fil-kuntratt l-ieħor dik il-klawsola baqgħet l-istess, għaliex, għad li ġiet modifikata, ingħad li l-attur kellu jitħallas meta l-War Damage Commission jew kwalunkwe awtorità oħra tkun ħallset. Dan juri ċar li l-attur żgur li ma kellux jitħallas, almenu mingħajr awtorizzazzjoni relativa, minn għand il-War Damage Commission. Barra minn dan, anki kieku kien hemm espress f'dawk il-kuntratti li l-attur kellu jitħallas direttament minn dik il-Kummissjoni, il-konvenut Mallia kien ukoll intitolat li jkollu awtorizzazzjoni għall-ħlas minn għand il-konvenut Cassar Torreggiani ta' dak l-ammont u ta' dik ix-xorta ta' xogħol li għalih kellu jħallas lill-attur; u dan in vista tal-fatt li dawk il-fondi ma kienux ikunu ġew rikostruwiti għalihom u kif kienu qabel, imma flimkien ma' fondi oħra, u kollox flimkien, u fuq pjanta ġdida. Fi kliem ieħor, seta' kien hemm awtorizzazzjoni biex l-attur jitħallas għal ċertu xogħol li kellu jagħmel, imma ladarba dak ix-xogħol sar mod ieħor, kienet tkun meħtieġa awtorizzazzjoni oħra;

Rat fil-fol. 76 in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u fil-fol. 77 il-petizzjoni tiegħu, li biha talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija u li jiġi deċiż konformement għall-istanza; bl-ispejjeż taż-żewġ gradi kontra l-appellati;

*Omissis;*

Irriflettiet;

B'kuntratt atti Dandria tat-12 ta' Diċembru 1941 (kopja fol. 5) l-attur ħa in lokazzjoni minn għand l-awturi tal-kon-

venut Cassar Torreggiani l-fondi msemmijin fl-att taċ-ċitazzjoni. B'att sussegwenti fir-roġiti ta' l-istess nutar, tas-16 ta' *Settembru* 1944, din il-lokazzjoni ġiet modifikata u miżjuda; u għall-finijiet ta' din il-kawża hija rilevanti l-klawsola numru 1 (b) ta' dan il-kuntratt ta' l-aħħar, dovuta għaċ-ċirkustanza li l-istabili in parola kienu ġew imġarrfin bil-bombi waqt l-aħħar gwerra. Din il-klawsola hi hekk konċepita:— "Il-lokatarju jobbliga ruħu li jagħmel a spejjeż tiegħu r-riparazzjonijiet kollha meħtieġa fl-imsemmi stabili, dar u ħanut, biddritt li jieħu huwa dawn l-ispejjeż meta l-War Damage Commission, jew kwalunkwe awtorità oħra, tħallas l-istess";

Kif jidher mill-korrispondenza li hemm fil-"file" dipartimentali (*dossier no.* 23286/2471/44 tal-War Damage Commission), eżibit "animo ritirandi" mill-konvenut Mallia nomine, il-War Damage Commission, rappreżentata f'din il-kawża minn dan il-konvenut, ikkontrastat li l-attur kien ġie awtorizzat mis-sidien li jirċievi l-"compensation"; u sostniet li "no such authorisation can be implied from the deeds submitted with your client's letter of the 1st. June, 1950", ċjoè mill-attijiet notarili fuq imsemmijin (ara ittra tal-"Commission" eżibita fol. 14);

Il-"Commission" insistiet għal awtorizzazzjoni oħra missidien favur l-attur;

*Kien* għalhekk li l-attur kellu jadixxi t-tribunali kif jidher mill-ittra ta' l-Avukat (il-lum Imħallef) Dr. Alberto Magri, allura konsulent legali ta' l-attur, li fil-11 ta' Awissu 1950 (ara ittra fil-"file" dipartimentali fuq imsemmi) kiteb hekk:— "Lis-Segretarju tal-War Damage Commission, Valletta. B'riferenza għall-ittra tiegħek tat-8 ta' Lulju 1950, ninsab inkarikat mis-Sur Giuseppe Debono biex ngħarrfek li huwa ma jistax jaċċetta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, li, ċjoè, *skond* il-kuntratti eżibiti huwa ma għandux poter sufficienti li jagħmel ix-xogħlijiet tat-tiswija hemm stess speċifikati. Għalhekk huwa sejjer jikkontesta dina d-deċiżjoni quddiem il-Qorti kompetenti";

Din l-ittra kienet tagħmel segwitu għal oħra tas-26 ta' Ġunju 1950, miktuba wkoll minn Dr. Magri, b'riferenza dejjem għall-kontestazzjoni tal-War Damage Commission, eżibi-

"B'riferenza għall-ittra tiegħek tas-17 ta' Ġunju korrenti, għandi ngħarrfek li s-Sur Giuseppe Debono ma għandux bżonn ta' ebda awtorizzazzjoni oħra mill-proprjetarju tal-fond, għaliex hu kien ġie preventivament awtorizzat mill-preċedenti proprjetarju in forza tal-kuntratt li sar għand in-Nutar Alberto Sigismondo Dandria fis-16 ta' Settembru 1944, li del resto hu konferma tal-kuntratt l-ieħor li sar għandu fit-12 ta' Diċembru 1941, li qiegħed nibgħatlek. Jekk il-lum il-proprjetarju tbiddel, dan ma jfisserx li hemm bżonn ta' awtorizzazzjoni ġdida. Il-proprjetarju attwali hu obligat li jirrispetta dak kollu li għamel dak preċedenti";

L-attur ipproċeda biċ-ċitazzjoni odjerna wara dik il-korrispondenza u wara l-protesti eżibiti in kopja fol. 92 u fol. 93;

Il-konvenut Cassar Torreggiani, li xtara l-fondi "de quibus" in atti De Caro fil-15 ta' Frar 1945 (kopja fol. 82), jikkontesta l-istanza għax igħid li hu ma jistax il-lum jagħti ebda awtorizzazzjoni lill-attur, peress li l-korp bini sħiħ, li jikkomprendi d-dar u l-ħanut in kwistjoni, ġie esproprjat mill-Gvern Ċivili u ġie mogħti lura lis-sidien taħt il-kondizzjoni li jiġi rikostruwit bħala blokk wieħed fuq pjanta imposta mill-Gvern stess; u għalhekk id-dar u l-ħanut in kwistjoni, li jiffurmaw parti mill-imsemmi korp, ma jistgħux jiġu kostruwiti separatament; u għalhekk ukoll kwalunkwe inadempiment tiegħu hu dovut għal forza maġġuri;

Issa, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu ta' importanza fondamentali f'din il-kawża li jiġu mħarsa dawn it-tliet prinċipji li sejrin jiġu msemmija:—

1. Il-Qorti għandha toqgħod għat-termini tad-domanda jew domandi. Is-sentenza għandha tkun konformi għad-domanda (App. 12 ta' Novembru 1861, "Monastero Santa Margherita vs. Terreni", Vol. II, p. 65; u P.A. "Borg vs. Falzon", 21 ta' Jannar 1864, Vol. III, 17). Dina r-regola ilha osservata fil-Qrati Tagħna in bażi għall-Liġijiet Rumani (L. si minus, 34 Instit. de actionibus, u L. 2 Cod. comm. div.);

2. Id-domanda għandha titqies in relazzjoni għall-fatti kif kienu meta ġiet proposta l-istess domanda; għaliex kien appuntu dak l-istat ta' fatt li, meta intavola l-kawża, ħa in konsiderazzjoni, tajjeb jew ħażin, l-attur;

8. Il-eżami tal-fondatezza jew le tad-domanda "ex tunc" magistax jiġi magħmul jiddependi fuq kambjamenti ta' fatt susegwenti għad-domanda, aktar u aktar jekk dawn il-kambjamenti jsiru fil-mori tal-ġudizzju mill-konvenut interessat. Dan il-prinċipju hu inkorporat fl-aforisma "Pendente lite nihil innovetur" (Co. Litt. 344);

Issa, f'din il-kawża l-attur talab, in kontestazzjoni tal-War Damage Commission u ta' Cassar Torreggiani, li jiġi deċiż li bil-kuntratti fuq imsemmija hu kellu l-poter li jagħmel dak kollu li hemm bżonn biex jirrikostruwixxi l-fondi u jirċievi l-indennizz tal-gwerra, u talab li f'każ ta' eżitu negativ ta' l-ewwel talba, il-konvenut Cassar Torreggiani jipprokuralu l-awtorizzazzjoni meħtieġa mill-Kummissjoni;

Dan biss talab l-attur, u dak li talab għandu riferenza appuntu għall-istat ta' fatt allura viġenti, ċjoè illi l-War Damage Commission kienet qiegħda tikkontesta li fl-atti jiet Dandria kien hemm diġà l-awtorizzazzjoni rikjesta, u l-fatt l-ieħor, li allura l-fondi kienu għadhom mhux rikostruwiti, għalhekk l-attur talab li jiġi dikjarat li fl-atti Dandria kien hemm dik l-awtorizzazzjoni, jew diversament li jiġi kundannat jipprokurahielu l-konvenut Cassar Torreggiani — liema dikjarazzjoni l-attur seta' jitlob, avvolja kienet isservi aktarx għal ġudizzju ieħor; għax ma hux vjetat li tintalab dikjarazzjoni ta' l-eżistenza ta' dritt fil-persuna ta' l-attur biex isservi ta' bażi għal ġudizzju ieħor, basta dikjarazzjoni simili tiġi proposta in vija prinċipali, kif fil-fatt ġiet proposta f'dan il-każ (P.A. "Scicluna vs. Rocco Peralta", 7 ta' April 1880, u "Vella vs. Xuereb", 27 ta' Novembru 1901);

"Ex admissis", il-fond ġie rikostruwit fil-mori tal-kawża mill-"Kingsway Palace Company", furmata mis-sidien tal-kumbini fuq imsemmi, fosthom il-konvenut Cassar Torreggiani; liema kostruzzjoni saret diversament mill-istat ta' qabel, minħabba l-kondizzjonijiet li dan il-konvenut igħid li ġew imposti mill-Gvern;

Il-Qorti, però, għall-finijiet ta' din il-kawża, u għall-finijiet tad-deċiżjoni li għandha tingħata, għandha tara biss jekk, wara li jitqies il-pont in kwistjoni "in relazzjoni għall-istat ta' fatt viġenti fiż-żmien taċ-ċitazzjoni", hemmx lok għad-di-

ġuridika, intollerabili għal kull sens elementari ta' ġustizzja, illi l-konvenut f'kawża jista' "marte proprio" jiskalza l-istanza billi jgħid li ma hemmx lok aktar għad-dikjarazzjoni ta' l-eżistenza tad-dritt fil-persuna ta' l-attur, għax hu qabad u biddel l-istat ta' fatt. Dak it-tibdil jista' jġib għal konsegwenzi oħra;

Issa, il-Qorti, wara li eżaminat il-kuntratti fuq imsemmija, u senjatament it-tieni wieħed, fil-parti ga fuq minnu stralċjata, ma tħossx dubju illi, kif sewwa jgħid l-attur, f'dak l-att hemm ga l-awtorizzazzjoni meħtieġa. Infatti, mentri fl-ewwel wieħed, fol. 6 tergo, kien jingħad:— "Il-lokatarju jobliga ruħu li jagħmel a spejjeż tiegħu r-riparazzjonijiet kollha meħtieġa fl-imsemmi ħanut, u da parti tagħha l-lokatriċi tobliga ruħha li tirrifondi l-istess spejjeż li l-lokatarju Debono jkun għamel meta u kif il-lokatriċi tkun indennizzata mill-Gvern", u kien ċar li l-indennizz kellu jiġi inkassat mis-sidien, salv li jirregolaw ruħhom ma' l-attur għar-rimborż, fit-tieni att, inveċe, li bih il-partijiet iddikjaraw espressament li kienu qegħdin jimmodifikaw l-att ta' qabel u jżidu fuqu, ingħad (fol. 9 tergo):— "Il-lokatarju jobliga ruħu li jagħmel a spejjeż tiegħu r-riparazzjonijiet kollha meħtieġa fl-imsemmi stabili, dar u ħanut, bid-dritt li jieħu 'huwa' dawn l-ispejjeż meta l-War Damage Commission, jew kwalunkwe awtorità oħra, tħallas l-istess"; liema kliem ma jistgħux ħlief jiġu interpretati li s-sidien kienu qegħdin jawtorizzaw lill-attur li jirrikostruwixxi l-fondi u jieħu huwa stess l-indennizz tal-gwerra mill-War Damage Commission;

Il-konvenut Mallia nomine lanqas seta' jikkontrasta dan id-dritt ta' l-attur minħabba t-tibdil tas-sidien; għax mhux biss billiġi li l-akkwirent ta' fond għandu jirrispetta l-lokazzjoni magħmula mill-awtur tiegħu, jekk dan ma żammx il-patt li jħoll dik il-lokazzjoni (art. 1663 Kap. 23 Ediz. Riveduta), imma f'dan il-każ partikulari kien hemm il-fattur addizzjonali tas-sikuranti għall-War Damage Commission, illi ċjoè. fl-att ta' l-akkwist tal-konvenut Cassar Torreggiani (fol. 86), iddikjara li hu kien a konoxxenza tal-pattijiet u kondizzjonijiet kollha li kienu ġew miftehma bejn l-attur u l-vendituri, u ma' l-att ta' l-akkwist giet annessa kopja tal-kuntratt

tas-16 ta' Settembru 1944, jiġifieri ċjoè ta' dak li kien fih il-patt operattiv f'din il-kawża;

L-Ewwel Qorti, fil-kors tar-raġunamenti tagħha osservat li l-attur kellu l-obbligu, u mhux id-dritt li jagħmel ir-riparazzjonijiet, u li għalhekk l-ebda preġudizzju ma sofra l-attur, għax ħadd ma hu qed jinsisti fuqu li jagħmel dawk ir-riparazzjonijiet. Dan ir-raġunament hu inkorrett daqs kieku wieħed għid li l-konċessjonarju ta' sit in enfitewsi, li obbliga ruħu jagħmel benefikati, ma hux preġudikat jekk il-konċedent ma jħallihx jagħmilhom. Il-verità hi li l-attur ħa fond imġarraf in lokazzjoni bid-dritt li jirrikostruwih u jirrimborża ruħu mill-ispiża direttament mill-War Damage Commission;

Għalhekk, fil-waqt taċ-ċitazzjoni, "re adhuc integra", l-attur kellu d-dritt jagħmel dak li qiegħed jitlob fid-dikjarazzjoni formanti l-ewwel domanda taċ-ċitazzjoni, u l-War Damage Commission ma kienetx ġustifikata tagħti l-interpretazzjoni li tat, illi, ċjoè, fl-att Dandria ma kienx hemm diġà l-awtorizzazzjoni rikjesta;

Għaldaqstant l-ewwel talba hi sostnuta; u t-tieni, li hija subordinata għall-eżitu ħażin ta' l-ewwel waħda, hija eżawrita;

Jekk kienx hemm esproprjazzjoni mill-parti tal-Gvern jew le; jekk il-formazzjoni tal-"Kingsway Palace Company", biex tisfrutta dak il-korp bini, kienetx "vis major" eżimenti lill-konvenut Cassar Torreggiani minn kull responsabilità lejn l-attur jew le; jekk dan il-konvenut setax jidħol f'din is-soċjetà u jgħaddi għar-rikostruzzjoni tad-dar u l-ħanut in kwistjoni bla ma qabel jirranġa ma' l-attur; u x'effett, vis-a-vis l-attur, għandha ċ-ċirkustanza li l-konvenut Cassar Torreggiani, għad li offra r-rifużjoni lill-attur, baqa' jirċievi l-kera minn għand l-attur sal-31 ta' Diċembru 1950 in bażi għall-kuntratt tal-lokazzjoni; dawn u oħrajn huma kollha kwistonijiet estranei għat-termini li fihom jinsab ristrett il-ġudizzju preżenti, u li din il-Qorti tista' biss taċċenna għalihom bla ma bl-ebda mod tesprimi ruħha dwarhom;

Kwantu għall-kap ta' l-ispejjeż, din il-Qorti għamlet dawn ir-riflessjonijiet;

L-attur ma għandux isofri ebda parti mill-ispejjeż, għax

li kien qiegħed jirreklama, u li "re adhuc integra" irreklama f'din iċ-ċitazzjoni, u l-interpretazzjoni kuntrarja tal-War Damage Commission kienet żbaljata. Din il-konsiderazzjoni ma titbiddelx għax fil-pendenza tal-kawża tbiddel l-istat ta' fatt abużivament jew le, mhux mill-attur, imma minn ħadd ieħor, u kontra l-interessi tiegħu;

Il-konvenut Mallia nomine, meta wieħed iqis l-istat ta' fatt fiż-żmien taċ-ċitazzjoni, jidher li ta lok għall-kawża, għax insista għal awtorizzazzjoni speċjali, mentri din l-awtorizzazzjoni kienet ġà kontenuta fl-att fuq riferit. Fl-istess ħin dan il-konvenut kien influwenzat mill-fatt li l-konvenut l-ieħor ma riedx jagħti l-awtorizzazzjoni li, bla preġudizzju u "pro forma", talbu l-attur bil-protest fol. 93. Għalhekk hu ġust li l-ispejjeż jinqasmu bejn iż-żewġ konvenuti;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata; tilqa' l-ewwel talba, billi tagħmel id-dikjarazzjoni fiha mitluba, b'riferenza għall-istat ta' fatt eżistenti fil-waqt taċ-ċitazzjoni; tastjeni li tippronunzja ruħha fuq it-talba alternativa, stante l-eżitu favorevoli ta' l-ewwel talba; u tordna li l-ispejjeż kollha ta' l-ewwel u t-tieni istanza jitħallsu miż-żewġ konvenuti nofs kull wieħed.